

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1674

tad-19 ta' Ġunju 2023

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/630 fir-rigward tal-inklużjoni ta' ċerti spreads li jiddelku u preparati biex isiru xarbiet li sihom il-kawkaw, ċertu ikel ippreparat miksib miċ-ċereali jew mill-prodotti taċ-ċereali, ċertu ikel ippreparat miksib mir-ross u minn ċereali oħra, ċerti ċipps u krisps, u ċerti zlazi u kondimenti fil-lista tal-prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u li jemenda l-Annessi I u III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2122

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uattivitàet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħha tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 48(d) u (h), u l-Artikolu 77(1)(k) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/630 (²) jistabbilixxi l-lista tal-prodotti komposti bi skadenza twila b'riskju baxx li huma eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

(¹) ĠUL 95, 7.4.2017, p. 1.

(²) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/630 tas-16 ta' Frar 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 17).

- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625⁽³⁾ stabbilixxa ċerti rekwiżiti għall-kunsinni tal-prodotti komposti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi jew minn reġjuni tagħhom. Il-prodotti komposti bi skadenza twila eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera kellhom jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292⁽⁴⁾ ħassar ir-Regolament Delegat (UE) 2019/625 mill-15 ta' Diċembru 2022. Peress li r-Regolament Delegat (UE) 2021/630 jirreferi għar-Regolament Delegat (UE) 2019/625, sabiex tīgħi żgurata c-ċertezza legali, jeħtieġ li r-referenza għall-Artikolu 12(2) imħassar tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625 fir-Regolament Delegat (UE) 2021/630 tīgħi sostitwita b'referenza għall-Artikolu 20(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292, li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-prodotti komposti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi jew minn reġjuni tagħhom.
- (3) Peress li l-prodotti komposti bi skadenza twila bil-kodiċijiet NM 1806 90 60, 1806 90 70, 1904 10, 1904 20, 1904 90, 1905 90, 2005 20 20 u 2103 fil-forma ta' ċerti spreads li jiddelku u preparati biex isiru xarbiet li fihom il-kawkw, ċertu ikel ippreparat miksub miċ-ċereali, prodotti taċ-ċereali, ċertu ikel ippreparat miksub mir-ross, ċerti cipps u krisps, u l-miso li fih l-istokk tas-soppa tal-ħut u zalza tas-sojja li fiha l-istokk tas-soppa tal-ħut jippreżentaw riskju baxx għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, jenħtieġ li dawn il-prodotti jiġu eżentati wkoll mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera. Il-crackers jitqiesu bħala tip ta' gallettini u, għalhekk, jenħtieġ li jiġu eżentati wkoll mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.
- (4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2122⁽⁵⁾ jistabbilixxi l-każijiet u l-kundizzjonijiet li fihom ċerti kategoriji ta' annimali u ta' oġġetti li jiffurmaw parti mill-bagalji personali tal-passiġġieri huma eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.
- (5) Peress li bis-saħħha ta' dan ir-Regolament ċerti prodotti komposti bi skadenza twila b'riskju baxx li ma fihomx laħam huma eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2021/630, jenħtieġ li dawk il-prodotti komposti jissemmew ukoll fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2122 bħala eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera. Minħabba li l-emendi tal-aħħar huma konsegwenza diretta tal-emendi tal-ewwel, huwa xieraq li dawn l-emendi jsiru f'att wieħed.
- (6) Il-lista tal-prodotti eżentati fl-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2122 tirreferi għall-istess oġġetti li jinsabu fil-lista tal-prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera fl-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2021/630. Peress li bis-saħħha ta' dan ir-Regolament ċerti prodotti komposti bi skadenza twila b'riskju baxx li ma fihomx laħam jiżdied fl-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2021/630, huwa meħtieġ li jiġi emendat ukoll il-punt 7 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2122 u jiġu allinjati l-listi tal-prodotti komposti eżentati fiziż-żewġ Regolamenti Delegati. Peress li ż-żewġ listi huma marbuta b'mod sostantiv u huma intiżi li jiġi applikati flimkien, huwa xieraq li l-emendi għal dawk il-listi jsiru f'att wieħed.
- (7) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolamenti Delegati (UE) 2019/2122 u (UE) 2021/630 jiġu emendati skont dan,

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 tas-6 ta' Settembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2122 tal-10 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri, kontrolli speċifiċi fuq il-bagalji personali tal-passiġġieri u fuq kunsinni żgħar ta' oġġetti mibgħuta lil persuni fizżei li mħumiex maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 (ĠU L 321, 12.12.2019, p. 45).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2021/630 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 3(1), il-punt (a)(i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(i) jikkonformaw mar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 20(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 (*);

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 tas-6 ta' Settembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinna ta' annimali li jiproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 1).”;

2. l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2122 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Anness I, il-Parti 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

“PARTI 2

Lista ta' oġġetti li mhumiex eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri kif previst fl-Artikolu 7(c)

| Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (*) | Deskrizzjoni | Kwalifikazzjoni u spjegazzjoni |
|---|---|--|
| ex Kapitolu 2 (0201-0210) | Laħam u ġewwieni li jittiekel | Kollu ħlief il-koxox taż-żringiġiet (Kodiċi NM 0208 90 70) |
| 0401-0406 | Prodotti tal-ħalib | Kollha |
| ex 0504 00 00 | Imsaren, bżieżaq tal-awrina u stonkijiet tal-animali (għajr tal-ħut), sħaħ jew partijiet tagħhom, friski, imkessħin, iffriżati, immelħin, fis-salmura, imnixxfin jew affumikati | Kollha, ħlief il-budellati |
| ex 0511 | Prodotti ġejjin mill-animali li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra; l-animali mejta tal-Parti 2, it-Taqsima 1, il-Kapitoli 1 jew 3 tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem | ikel għall-animali domestiċi biss |
| 1501 00 | Xaħam tal-ħanżir (inkluż il-lardu) u xaħam tal-pollam, għajr dak tal-intestatura 0209 jew 1503 | Kollha |
| 1502 00 | Xaħmijiet tal-animali bovini, tan-nagħaq u tal-mogħoż, għajr dawk tal-intestatura 1503 | Kollha |
| 1503 00 | Stearina tal-lardu, żejt tal-lardu, oleostearina, oleomargerina u żejt tax-xaħam ta' dam, mhux emulsifikati jew imħalltin jew ippreparati b'xi mod ieħor | Kollha |
| 1506 00 00 | Xaħmijiet u żjut tal-animali oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux immodifikati kimiċikament | Kollha |

| | | |
|--------------------------|--|--|
| 1601 00 | Zalzett u prodotti simili, tal-laħam, tal-ġewwieni tal-laħam, tad-demm jew tal-insetti; il-preparati tal-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti | Kollha, ħlief l-insetti |
| 1602 | Laħam, ġewwieni tal-laħam, demm jew insetti ppreparati jew ippreservati oħrajn | Kollha, ħlief l-insetti |
| 1702 11 00 1702 19 00 | Lattożju u ġulepp tal-lattożju | Kollha |
| ex 1901 | Estratt tal-malt; preparati tal-ikel tad-dqiq, tal-ħbub imfesdqin, tal-grixa, tal-lamtu jew tal-estratt tal-malt, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 40 % skont il-piż ta' kawkaw ikkalkulat fuq bażi bix-xaħam imneħħi totalment, li mħumiex spċifikati jew inklużi banda oħra; preparati tal-ikel tal-oġġetti tal-intestaturi 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 5 % ta' kawkaw skont il-piż ikkalkulat fuq bażi bix-xaħam imneħħi totalment, li mħumiex spċifikati jew inklużi banda oħra | Dawk il-preparati li fihom laħam u/jew ħalib biss |
| ex 1902 | Ġhaġin, kemm jekk imsajjar jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) u kemm jekk le jew ippreparat mod ieħor, bħal eż-spagetti, imqarrun, noodles, lażanja, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le | Preparati li fihom il-laħam u/jew il-ħalib, għajr l-ġhaġin, in-noodles u l-kuskus bi skadenza twila li ma fihomx laħam (**) |
| ex 1905 | Ħobż, għażina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħrajn tal-furnara, kemm jekk fihom il-kawkaw u kemm jekk le; ostji tat-tqarbin, cachets vojta ta' kwalità li huma adattati għall-użu farmaċewtiku, wafers tas-siġill, karta tar-ross u prodotti simili | Preparati li fihom il-laħam u/jew il-ħalib, ħlief il-ħobż, il-kejkijiet, il-pasti ppreparati, il-gallettini (inklużi il-crackers), il-waffles u wafers, il-biskuttelli, il-ħobż mixwi u l-prodotti simili mixwija, u ċ-ċipps u l-krisps bi skadenza twila li ma fihomx laħam (***) |
| ex 2004 | Ħaxix ieħor, ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-hall jew bl-acċidu aċetiku, iffriżat, għajr prodotti tal-intestatura 2006: (****) | Dawk il-preparati li fihom laħam u/jew ħalib biss |
| ex 2005 | Ħaxix ieħor, ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-hall jew bl-acċidu aċetiku, mhux iffriżat, għajr prodotti tal-intestatura 2006 | Preparati li fihom il-laħam u/jew il-ħalib, ħlief iċ-ċipps u l-krisps tal-patata bi skadenza twila għall-konsum immedjat u li ma fihomx laħam (*****) |
| ex 2103 | Zlazi u preparati tagħħom; kondimenti mħalltin u tħawir tal-ikel imħallat; dqiq u grixa tal-mustarda u mustarda ppreparata | Preparati li fihom laħam u/jew ħalib biss |
| ex 2104 | Sopop u brodi u preparati tagħħom; preparati tal-ikel komposti omoġenizzati | Preparati li fihom il-laħam u/jew il-ħalib, ħlief l-istokkijiet u l-aromatizzanti tas-sopop bi skadenza twila f'imballaġġ għall-konsumatur finali u li ma fihomx laħam (*****) |

| | | |
|---------|---|--|
| 2105 00 | Ġelati u silġ ieħor tajjeb għall-ikel, kemm jekk fihom il-kawkaw u kemm jekk le | Preparati li fihom il-ħalib, biss |
| ex 2106 | Preparati tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra | Preparati li fihom il-laħam u/jew il-ħalib, ħlief is-supplimenti tal-ikel bi skadenza twila f'imballaġġ għall-konsumatur finali, li fihom prodotti pproċessati tal-animali (inkluż il-glukożammina, il-kondrojtin jew il-kitosan) u li ma fihomx laħam (*****) |
| ex 2309 | Preparati li jintużaw fl-għalf tal-animali | ikel għall-animali domestiċi, il-magħda tal-klieb u taħlitiet ta' ikel li fihom il-laħam u/jew il-ħalib |

Noti:

1. Kolonna 1: Meta ċerti prodotti biss li jidħlu taħt xi kodiċi jkollhom bżonn jiġi eżaminati, u ma tkunx teżisti subdiviżjoni speċifika taħt dan il-kodiċi fin-nomenklatura tal-oġġetti, il-kodiċi huwa mmarkat b"ex" (eż. ex 19 01: iridu jkunu inklużi biss il-preparati li fihom il-laħam u/jew il-ħalib).
 2. Kolonna 2: Id-deskrizzjoni tal-oġġetti hija kif stabbilita fil-kolonna tad-deskrizzjonijiet tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.
 3. Kolonna 3: Din il-kolonna tagħti d-dettalji tal-prodotti koperti.
- (*) L-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).
- (**) Fkonformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/630 tas-16 ta' Frar 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 17).
- (***) Fkonformità mar-Regolament Delegat (UE) 2021/630.
- (****) L-intestatura 2006 tgħid hekk: 'ħaxix, frott, ġewż, qoxra tal-frott u partijiet oħrajn tal-pjanti, ippreservati biz-zokkor (imqattra, glacé jew mgħasslin)'.
- (*****) Fkonformità mar-Regolament Delegat (UE) 2021/630.
- (******) Fkonformità mar-Regolament Delegat (UE) 2021/630.
- (******) Fkonformità mar-Regolament Delegat (UE) 2021/630.";

2. fl-Anness III, il-punt 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Prodotti eżentati

Il-prodotti li ġejjin huma eżentati mir-regoli stabbiliti fil-punti 1 sa 6 dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/630:

- ħlewwiet (li jinkludu l-ħelu), ċikkulata bajda u preparati oħra tal-ikel, li ma fihomx kawkaw, u ħlewwiet (inkluż ħelu), ċikkulata u preparati oħra tal-ikel, spreads li jiddelku u preparati biex isiru xarbiet, li jkun fihom il-kawkaw;
- għażiġin, noodles u kuskus;
- ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew ta' prodotti taċ-ċereali, ikel ippreparat miksub minn qxur ta' ċereali mhux inkaljati jew minn taħlitiet ta' qxur ta' ċereali mhux inkaljati u qxur ta' ċereali inkaljati jew ċereali minfuħa (eż. ċereali tal-kolazzjon, mueslis, granolas), u ikel ippreparat miksub mir-ross u minn ċereali oħra;
- ħobż, kejkijiet, pasti ppreparati, gallettini (inklużi crackers), waffles u wafers, biskuttelli, ħobż mixwi u prodotti simili mixwija, u cipps u krisps (inklużi cipps u krisps tal-patata);
- żebbuġ mimli bil-ħut;
- estratti, essenzi u konċentrati, tal-kafè, tat-te jew tal-matè, u preparati abbażi ta' dawn il-prodotti jew abbażi tal-kafè, tat-te jew tal-matè;

- ċikwejra inkaljata u sostituti tal-kafè oħrajin inkaljati, u estratti, essenzi u konċentrat i tagħhom;
- miso li jkun fih ammont żgħir ta' stokk tas-soppa tal-ħut u zalza tas-sojja li jkun fiha ammont żgħir ta' stokk tas-soppa tal-ħut;
- stokkijiet u aromatizzanti tas-sopop f'imballaġġ għall-konsumatur finali;
- suppliment tal-ikel f'imballaġġ għall-konsumatur finali, li jkun fihom prodotti tal-annimali pproċessati (fosthom il-glukożammina, il-kondrojtin jew il-kitosan);
- likuri u kordjali.

Il-prodotti komposti li fil-kompożizzjoni tagħhom bħala prodotti li joriġinaw mill-annimali għandhom biss enżimi, aromatizzanti, addittivi jew vitamina D3 huma eżentati mir-regoli stabbiliti fil-punti 1 sa' 6 dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2021/630.”.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2023.

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*

ANNESS

“ANNESS

Lista tal-prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera (Artikolu 3)

Din il-lista tistabbilixxi l-prodotti komposti, f'konformità man-Nomenklatura Magħquda (NM) li tintuża fl-Unjoni li ma għandhomx ġħalfejn jiġu sottomessi għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

Noti li jirrigwardaw it-tabella:

Kolonna (1) – kodiċi NM

Din il-kolonna tindika l-kodiċi NM. In-NM, stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, hija bbażata fuq is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija (“Sistema Armonizzata (SA)”) imfassla mill-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, u approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE ('). In-NM tirriproduċi l-intestaturi u s-subintestaturi tas-SA sa sitt ċifri. Is-seba’ u t-tmien ċifri għandhom jidtentifikaw aktar subintestaturi tan-NM.

Meta jintuża kodiċi b'erba’, b'sitta jew bi tmien ċifri mhux immarkati b’ex’ u sakemm ma jiġix spċifikat mod ieħor, il-prodotti komposti kollha prefissi b’dawn l-erba’, sitta jew tmien ċifri, jew koperti minnhom, mhumiex meħtieġa jiġu sottomessi għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

Meta ċerti prodotti komposti spċifikati biss li jaqgħu taħt wieħed mill-kodiċi ta’ erba’, sitta jew tmien ċifri jkun fihom prodotti tal-annimali u fin-NM ma tkun teżisti l-ebda subdiviżjoni spċifikja taħt dan il-kodiċi, il-kodiċi jiġi mmarkat ‘ex’. Pereżempju, fir-rigward ta’ ‘ex 2001 90 65’, il-kontrolli fil-postijiet ta’ kontroll fuq il-fruntiera mhumiex meħtieġa għall-prodotti elenkti fil-kolonna (2).

Kolonna (2) — Spjegazzjonijiet

Din il-kolonna tagħti d-dettalji tal-prodotti komposti koperti bl-eżenzjoni mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

| Kodiċijiet NM (1) | Spjegazzjonijiet (2) |
|--|---|
| 1704, ex 1806 | Ħlewwiet (inkluż il-ħelu) u ċikkulata bajda, li ma fihiex kawkaw, u ħlewwiet (inkluż il-ħelu), ċikkulata u preparati oħra jn-ta' il-ikel, spreads li jiddelku, u preparati biex isir ix-xorb, li fihom il-kawkaw, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a). |
| ex 1902 19, ex 1902 30, ex 1902 40 | Għażin, noodles u kuskus li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a). |
| ex 1904 10, ex 1904 20, ex 1904 90 | Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mill-inkaljar taċ-ċereali jew tal-prodotti taċ-ċereali, ikel ippreparat miksub mill-fjokki taċ-ċereali mhux inkaljati jew minn tħallitiet ta’ qxur taċ-ċereali mhux inkaljati u minn qxur taċ-ċereali inkaljati jew minn ċereali minfuħa li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a), (eż. ċereali tal-kolazzjon, mueslis, granolas). Ikel ippreparat miksub mir-ross u minn ċereali oħra li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a). |
| ex 1905 10, ex 1905 20, ex 1905 31, ex 1905 32, ex 1905 40, ex 1905 90 | Ħobż, kejkjiet, pasti ppreparati, gallettini (inkluż il-crackers), waffles u wafers, biskutelli, ħobż mixwi u prodotti simili mixwija, u cipps u krisps li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a). |

(') Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta’ April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikata ta’ Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU L 198, 20.7.1987, p. 1).

| | |
|---------------------------------------|---|
| ex 2001 90 65, ex 2005 70 00, ex 1604 | Żebbuġ mimli bil-ħut li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a). |
| ex 2005 20 20 | Ċipps u krisps tal-patata adattati għall-konsum immedjat li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a). |
| 2101 | Estratti, essenzi u konċentrat, tal-kafè, tat-te jew tal-maté u preparati b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, ta' te jew maté, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a). Ċikwejra inkaljata u sostituti tal-kafè oħrajn inkaljati, u estratti, essenzi u konċentrat tagħhom li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a). |
| ex 2103 | Miso li jkun fih ammont żgħir ta' stokk tas-soppa tal-ħut u zalza tas-sojja li jkun fiha ammont żgħir ta' stokk tas-soppa tal-ħut li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a). |
| ex 2104 | Stokkijiet u aromatizzanti tas-sopop f'imballaġġ għall-konsumatur finali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a). |
| ex 2106 | Supplimenti tal-ikel f'imballaġġ għall-konsumatur finali, li fihom prodotti pproċessati mill-animali (inklużi l-glukożammina, il-kondrojtin jew il-kitosan) li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a). |
| ex 2208 70 | Likuri u kordjali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)(a)." |